MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 43/2000/1

**Salvu, Carmelo, Concetta u Dolly, ilkoll ahwa Gulia u Walter Ellul f'ismu proprju u ghan-nom ta' l-imsiefra ohtu**
**Nelly Canini, Oliver, Violet mart John Mary Vassallo, Katie, xebba, ilkoll ahwa Ellul u b'digriet tas-26 ta' Gunju 2001 stante l-mewt ta' Salvu Gulia l-gudizzju gie trasfuz f'isem Carmelo, Doris sive Dolly u Concetta ahwa Gulia**
**u b'digriet tal-21 ta' Marzu 2002 stante l-mewt ta' Carmelo Gulia**
**l-gudizzju gie trasfuz f'isem Dolores u Maria Concetta ahwa Gulia**

**v.**

**Lawrence Grima u b'digriet tal-15 ta' Jannar 2001 l-atti gew trasfuzi f'isem Lawrence, Sebastian, Joseph, Michael, John,**
**Nazzareno u Maria Dolores mart Francis Darmanin ilkoll ahwa Grima u eredi ta' Lawrence Grima li miet**

**fl-4 ta’ Gunju 2000.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari,**

B’rikors intavolat fid-9 ta’ Dicembru, 2003 l-intimati Lawrence, Sebastian, Michael, John, Nazzareno u Maria Dolores mart Francis Darmanin ilkoll ahwa Grima ghamlu appell minn sentenza moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-1 ta’ Dicembru 2003 fil-kawza fl-ismijiet fuq imsemmija fejn talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, s-sentenza appellata tigi revokata u b’hekk tigi michuda t-talba tar-rikorrenti appellati ghar-ripreza tal-fond meritu tal-kawza u ghall-izgumbrament ta’ l-istess appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

Fir-rikors imsemmi gie premess is-segwenti:
“illi b’rikors ipprezentat fis-27 ta’ Marzu 2000, l-appellati, gia` rikorrenti, ippremettew li huma jikru lil Lawrence Grima (illum defunt) il-fond 27A, Conception Street, Qormi versu l-kera ta’ sittax-il lira Maltin (LM16) fis-sena li jithallsu kull tlett xhur bil-quddiem, u li l-istess Lawrence Grima kien abbanduna l-fond lilu lokat bhala residenza u ma kienx qed jaghmel uzu minnu u b’hekk gie li bidel id-destinazzjoni tieghu; illi inoltre l-intimat kiser il-kundizzjonijiet lokatizzji billi naqas li jmantni l-fond u in effetti l-fond fih hafna hsarat, ghaldaqstant l-appellati gia` rikorrenti talbu lill-Bord li Jirregola l-Kera sabiex jawtorizzahom jirriprendu l-pussess ta’ dan il-fond u jordna l-izgumbrament ta’ Lawrence Grima minn dan il-fond.

“Illi Lawrence Grima kien wiegeb b’risposta intavolata quddiem l-istess Bord li t-talbiet kif kontenuti fir-rikors huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi mhux minnu dak li qed jigi allegat fir-rikors illi l-esponent “abbanduna l-fond lilu lokat bhala residenza u mhux qed jaghmel uzu minnu” u li l-esponent “kiser il-kundizzjonijiet lokatizzji billi naqas li jmantni l-fond”. Ghal kull buon fini jigi rilevat illi l-esponent gie kostrett f’dawn l-ahhar xhur ma jorqodx temporanjament

fil-fond residenzjali in kwistjoni peress li dan gie dikjarat mill-Perit Ronald Muscat Azzopardi bhala fi stat ta' "perikolu imminenti" – ghalkemm il-fond baqa' jigi frekwentat matul il-gurnata – u dana skond ma jirrizulta mir-rapport peritali markat Dok. "LG1".

"Illi, b'sentenza datata 1 ta' Dicembru 2003, il-Bord li Jirregola l-Kera laqa' t-talba ta' l-appellati, gia` rikorrenti, billi skond il-Bord irrizulta li l-fond kien gie abbandunat, u awtorizzalhom ir-ripreza ta' dan il-fond, b'terminu ta' xahar ghall-izgumbrament ta' l-esponenti mill-fond in kwistjoni, bl-ispejjez kontra l-istess esponenti."

L-aggravji imressqa mill-appellanti kontra s-sentenza imsemmija huma, kif jinghad fir-rikors promotur, is-segwenti:-

a) In-nullita` tas-sentenza appellata;

b) L-apprezzament skorrett li ghamel il-Bord tal-provi li gew prodotti quddiemu.

Fid-19 ta' Jannar 2004 l-appellati intavolaw risposta ghar-rikors ta' l-intimati fejn gie sottomess li s-sentenza imsemmija hija gusta u ghalhekk talbu li, anke ghar-ragunijiet hemm moghtija, tigi kkonfermata u b'hekk l-appell jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**Ikkunsidrat:**

<u>Dwar in-nullita`.</u>

Qed jigi sottomess li fit-13 ta' Novembru 2003 miet hu l-appellanti Joseph, qabel ma nghatat is-sentenza, u peress li ma sar ebda rikors mill-partijiet ghat-trasfuzjoni tal-gudizzju, gie li l-Bord ta sentenza fil-konfront ta' persuna mejta - fattur li jimporta n-nullita` ta' l-istess sentenza appellata.

Dan l-aggravju mhux gustifikat. Infatti kif sewwa gie rilevat mill-appellati, il-provi tal-kontendenti kienu gew konjuzji zmien qabel l-akkadut u sahansitra kienu saru s-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-kontendenti u l-kawza kienet giet imhollija ghas-sentenza fl-udjenza tas-6 ta'

Frar, 2003 u cioe` ferm qabel ma miet Joseph Grima. F'dawn ic-cirkostanzi ghandha tapplika l-prassi adottata kostantement mill-Qrati nostrani li "*meta l-mewt ta' wahda mill-partijiet tissuccedi fiz-zmien bejn il-gurnata li l-kawza tkun fi stat li tista` tigi deciza u dakinhar li tigi pronunzjata s-sentenza, ma tirrikorri ebda raguni ta' nullita`.*" (Vide Rosalie Mifsud et vs Carmelo Pace Gasan et App. 28.2.1994).

Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud.

<u>Dwar apprezzament tal-provi.</u>

Qed jigi sottomess mill-appellanti li l-Bord li Jirregola l-Kera ghamel apprezzament zbaljat tal-provi rizultanti. Issa huwa ben stabbilit li din il-Qorti, bhala Qorti ta' Revizjoni, ma tissostitwix id-diskrezzjoni taghha dwar l-apprezzament tal-provi ghal dik ta' l-Ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm raguni gravi u impellenti biex taghmel hekk. B'dana kollu qed jigi sottomess mill-appellanti li dan huwa kaz fejn "*kjarament giet irrekata ngustizzja serja lill-esponenti minn dan l-apprezzament zbaljat*" li jiggustifika l-intervent ta' din il-Qorti.

Huwa xieraq ghalhekk, anke fil-kuntest ta' dak li qed jinghad fir-rikors ta' l-appell, li tigi riprodotta verbatim, dik il-parti tas-sentenza appellata tal-Bord li Jirregola l-Kera fejn insibu l-konsiderazzjonijiet.
"1. Il-fond in kwistjoni 27A, Triq il-Kuncizzjoni, Hal-Qormi (illum numru 16) kien inkera mill-familja Gulia lil Lawrence Grima li miet fl-<u>4 ta' Gunju 2000,</u> fil-mori tar-rikors hu ma lahaqx xehed f'dawn il-proceduri. Wiehed mill-intimati ta' llum igib l-istess isem.

"2. Fid-dar li nbniet mal-mitejn sena (200) ilu kienu joqghodu Lawrence Grima u martu Maria nee' Borg li giet nieqsa qablu. Kellhom seba' ulied. Maz-zmien l-ulied marru ghal rashom u fil-fond baqa' Lawrence Grima u ibnu li jgib l-istess isem.

"3. Il-fond 'de quo' jinsab gewwa kerrejja, fejn bieb wiehed jiftah ghal zewg partijiet. Grima xi tmintax-il sena ilu hadu

l-fond l-iehor li hemm fil-kerrejja li darba kien mikri lil Gerita Grima, llum mejta.

“4. Ir-rikors gie prezentat fis-27 ta’ Marzu 2000, gie notifikat lill-intimat fid-29 ta’ April, 2000 li ressaq twegiba fil-5 ta’ Mejju 2000. L-intimat Lawrence Grima gie nieqes fl-4 ta’ Gunju 2000 kif diga` intqal.

“5. L-ewwel kawzali tar-rikorrenti:

“Illi l-intimat abbanduna l-fond lilu lokat bhala residenza u mhux qed jaghmel uzu minnu”.

“6. L-intimat eccepixxa li
“hu kien gie kostrett f’dawn l-ahhar xhur ma jorqodx temporanjament fil-fond residenzjali in kwistjoni peress li dan gie dikjarat mill-Perit Ronald Muscat Azzopardi bhala fi stat ta’ perikolu imminenti – ghalkemm il-fond baqa’ jigi frekwentat matul il-gurnata u dana kif jirrizulta mill-anness rapport peritali marka[t] LG1”. Ir-rapport fih id-data tad-9 ta’ Marzu, 2000.

“7. Il-Perit Jean Pierre Attard ma’ l-affidavit ressaq rapport (Fol 5PA) [*recte. Fol. 13*] li barra konsiderazzjonijiet ta’ sura teknika kiteb li

“From this inspection it transpired that the building was not inhabited, as confirmed by the tenant himself, Mr. Lawrence Grima.

The rooms were void of furniture and no utensils were found in the kitchen. The rooms seemed to have been utilised for storage purposes including timber, empty bottles, old and deteriorated furniture and debris. Negligence and lack of routine maitenance have rendered this building to its present poor state.” (fol 14) – 24 ta’ Marzu, 2000.”

“8. Felix Mifsud ‘technical consultant’ kien mar fuq il-post mar-rikorrent John Mary Vassallo fil-11 ta’ Frar 2000 u deherlu b’mod ‘car’ li l-fond ‘ma kienx qed ikun abitat u dan ghal zmien twil’ (fol 15).

“9. John Mary Vassallo xehed li meta mar fuq il-post ma Mifsud fl-24 ta’ Marzu 2000 “kien ovvju” li fil-fond ma kien joqghod hadd, ghamara mill-anqas u kxaxen vojta (fol 17-19).

“10a. Fl-14 ta’ Settembru 2000 is-Surgent Frank Rodgers ha rapport minn Lawrence Grima (l-iben) li s-saqaf tal-fond kien waqa’. Iben l-intimat, mistoqsi fis-seduta tas-16 ta’ Jannar 2001 jekk ghadx u joqghod fil-post jistqarr

“Le minhabba li s-surgent ….. qalli biex ma noqghodx hemmhekk minhabba l-periklu” (fol 29)

izid

“qed izommni daqxejn …. Ohti (ibid).”

b. Fl-istess seduta xehed li hu u missieru marru jghixu ‘daqxejn ghand ohti’ wara x-xahar ta’ Jannar 2000 wara li r-rikorrenti Dolly Gulia, li ghal tul ta’ zmien kienet tiehu hsieb tigbor il-kera,

“qaltli biex nimmuvjaw minn hemm li ma jmurx jigrilna bhat-tragedja tal-Furjana, sakemm nirrangaw.”

c. Mistoqsi fejn kien joqghod missieru bejn il-11 ta’ Frar u l-24 ta’ Marzu 2000 meta kien ghamel travu tal-hadid biex iserrah travu ma jwegibx (fol 47-48). Jghid li f’Jannar 2000 ghamel xoghol fil-kamra ta’ missieru (fol 49-50).

“11. L-intimat Nazzareno Grima jghid li missieru Lawrence Grima (illum mejjet) u huh Lawrence Grima marru ghand ohtu meta l-perit taghhom stess qallu biex johorgu ghax kien ser jaqa’ kollox (fol 57).

“12. Meta s-surgent Rogers mar fuq il-post meta waqa’ s-saqaf Lawrence Grima qallu li fil-fond jghix hu

“Imma prezentement meta waqa’ s-saqaf ma kienx hemm ghax kien apparentement wasslu huh u qalulhom il-girien li semghu hoss qawwi u li kien waqa’ s-saqaf. (fol 79).”

“13. Dun Vicenz Borg vici-kappillan tal-parrocca ta’ San Bastjan jghid li Lawrence Grima (il-missier) kien mar joqghod ma’ bintu meta saritlu operazzjoni f’saqajh u f’xi zmien kien jghadd (sic) ukoll il-post fejn kien joqghod (fol 87-88) Mar ghand bintu “sitt xhur, bejn wiehed u iehor, ma nafx ezatt” (fol 92).

“14. Fis-seduta tat-3 ta’ Ottubru, 2001 Lawrence Grima jghid li l-bicca tal-fond hija abitabbli u

“qed nghix fih jien, minn xahar l-hawn qed nghix fih, kont qed nghix ghand ohti, issa minn xahar ‘hemm, fil-bnazzi, pacenzja, imma fil-maltemp ma nafx” (fol 137).

“15. Lawrence Grima f’isem missieru applika ghand l-Awtorita` tad-Djar fil-21 ta’ Jannar 2000 biex jaghmel tiswijiet fid-dar (fol 134). Saret spezzjoni fuq il-fond fis-26 ta’ April 2000. Kien applika ukoll lill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar u inghata l-permess li jbiddel is-soqfa fit-30 ta’ Mejju 2000. Fit-12 ta’ Mejju 2000 talab lill-Awtorita` tad-Djar li taqleb kollox fuqu ghax missieru kien miet (fol 113). It-talba giet michuda. Rega’ applika f’ismu (fol 114 u 115) u fis-7 ta’ Dicembru 2000 ghamel il-kuntratt ma’ l-Awtorita` tad-Djar biex jaghmel ix-xogholijiet u wara l-Awtorita` thallsu (fol 116-117). Imhabba l-mewt tal-missier jidher li saret id-dikjarazzjoni mill-vici Kappillan fit-8 ta’ Gunju 2000 li “pprova jghin” lil Lawrence Grima t-tifel. Minkejja l-kawza l-proceduri baqghu sejrin imma x-xoghol ma twettaqx.

“16. Jirrizulta li f’xi zmien qabel Janna(r) 2000 Grima abbandunaw il-fond. Sar arrangament fil-familja Grima li bih Lawrence Grima u ibnu li jgib l-istess isem imorru joqghodu ma’ l-intimata Dolores mart Francis Darmanin (fol 28-29) fil-fond ‘Redentur’, Triq Gorg Borg, Hal Qormi. Fil-fond in kwistjoni thalliet xi ftit ghamara (fol 43). Joseph Grima intimat mar joqghod ma zijuh gewwa fond iehor. F’isem dan ta’ l-ahhar, l-intimat huh beda’ jara kif jinnegozzja (fol 50) il-fond. Lawrence Grima jghid ukoll

“L-ideja tieghu kienet li jinxtara isfel, u tghid tkun tieghi, minhabba li hemm kamra, stajt nuzaha bhala garage. Dawn kienu lesti li jtuhieli (fol 52).”

Fil-fond gieli kien jinzamm xi injamm ghat-tnixxif (fol 44). Dan ma jirrizultax li hu element determinanti kif lanqas huwa determinanti minn naha l-ohra fejn hu registrat Lawrence Grima ghall-vot u fejn joqghod (fol 105-106).

“17. Jinghad ukoll li r-rikorrenti ghandhom l-interessi taghhom. Aktarx iridu jaghmlu zvilupp.

“18. Dwar il-kirja ta’ l-intimati ghall-accettazzjoni tal-kera (mhux fil-mori tar-rikors imma ghall-iskadenza ta’ qabel gie mressaq ir-rikors) jinghad li din waqghet ghal kollox meta l-intimat Lawrence Grima jghid dwar min kien jiehu l-kera (Dolly Gulia).

“Daqqa li l-post x’ha tirrangah taghmel, hemmhekk post antik, illum ikkundannat. Anke li kkundannat semmietuli. Jiena kont nghidilha, nghidilha tibza’ xejn. Ghax fih irrid nghix. Nghidilha mhu ha ndahhluk f’ebda spejjez ghax ha tfottulna l-plot. Lili kienet taqtghali qalbi. Rigward il-bitha qatt ma tatni permess.” (fol 32).

19. Ix-xhieda ta’ Lawrence Grima mimlija kontradizzjonijiet. Ir-rikorrenti ghamlu s-sisien ghal azzjoni u bix-xhieda minn naha intimata bnew fuqhom. Il-kaz kien ikun differenti li kieku t-tluq mill-fond sar imhabba l-mard tal-missier jew ghax il-fond kien perikoluz. Kollox twettaq minn Lawrence Aquilina (recte Grima) biex isir negozzju mill-fond.

20. La ser jilqa’ t-talba fuq l-ewwel kawzali l-Bord mhux ser jidhol fuq it-tieni.”

**Ikkunsidrat:**

L-appellanti jirrkonoxxu li din il-Qorti, bhala Qorti ta’ Revizjoni, normalment ma tissostitwix id-diskrezzjoni taghha dwar l-apprezzament tal-provi ghal dik ta’ l-ewwel Qorti, b’dana kollu qed jigi sottomess mill-appellanti li dan

huwa kaz fejn kjarament giet irrekata ingustizzja serja lilhom minn dan l-apprezzament zbaljat tal-Qorti ta' Prim Istanza. Mill-parti taghhom l-appellati jsostnu li fil-kaz prezenti ma hemm ebda raguni gravi jew impellenti sabiex din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament maghmul mill-Bord li Jirregola l-Kera. Infatti qed jigi sottomess fir-rigward li "*Hu car li l-Bord kellu okkazzjoni li jisma' x-xhieda viva voce, kellu l-opportunita` li jivvaluta l-komportament u l-bixra tax-xhieda biex seta' jasal ghall-konkluzzjoni tieghu.*"

Id-decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera fis-sentenza appellata hija msejsa fuq  l-ewwel kawzali mressqa mill-appellati u cioe` li "*l-intimat abbanduna l-fond lilu lokat bhala residenza u mhux qed jaghmel uzu minnu*". Infatti fil-parti konkluziva u cioe' fil-paragrafu 20 ta' l-istess sentenza jinghad espressament hekk "*La ser jilqa' t-talba fuq l-ewwel kawzali l-Bord mhux ser jidhol fuq it-tieni kawzali.*" Ghalhekk l-appell prezenti jrid jigi ezaminat fuq dak li gie deciz u xejn aktar. Issa jidher mis-sentenza riportata li l-Bord ghamel riassunt korrett u dettaljat tal-provi prodotti mill-partijiet. Minn dan ir-riassunt din il-Qorti tifhem li l-fond mertu tal-kawza ma kienx qed jigi abitat mill-intimat li, ghal certu zmien qabel ma gew istitwiti dawn il-proceduri, kien mar jabita, flimkien ma ibnu, fir-resdenza ta' bintu u, skond Dun Vincenz Borg, vici-kappillan tal-parrocca ta' San Bastjan, dan kien mar jabita hemm meta saritlu operazzjoni f'saqajh. Jirrizulta inoltre li dan il-fond kien jinsab fi stat hazin u malandat u ma kienx hemm fih effetti personali jew dawk mehtiega ghal uzu tal-hajja ta' kuljum. Irrizulta wkoll lill-Bord li l-fond kien jinsab fi stat perikoluz u li sahansitra kienet saret applikazzjoni ma' l-Awtorita` kompetenti sabiex isiru t-tiswijiet mehtiega. In effetti jirrizulta li fil-mori ta' dawn il-proceduri saqaf ta' l-imsemmi fond kien waqa.

Wara li kkonstata dawn il-fatti l-Bord li Jirregola l-Kera osserva li "*Ix-xhieda ta' Lawrence Grima mimlija kontradizzjonijiet. Ir-rikorrenti ghamlu s-sisien ghall-azzjoni u bix-xhieda minn naha intimata bnew fuqhom. Il-kaz kien ikun differenti li kieku t-tluq mill-fond sar minhabba l-mard tal-missier jew ghax il-fond kien*

*perikoluz. Kollox twettaq minn Lawrence Aquilina* [recte: Grima] *biex isir negozju mill-fond.*"

F'sentenza moghtija fit-28 ta' Gunju 2001 minn din il-Qorti, kif dak inhar komposta (per Imhallef Joseph Said Pullicino) fil-kawza fl-ismijiet "George Felice vs Ganni Cini" gie ritenut li meta persuna anzjana tmur tabita ma' uliedha jkollha gustifikazzjoni biex ma tibqax fizikament tabita jew tuza l-fond lokat. Izda dan ma jfissirx li tali nuqqas ta' uzu seta' jammonta ghal bdil ta' destinazzjoni proprju ghaliex ma setghax jigi eskluz illi l-inkwilin isib ruhu f'cirkostanzi li fihom ikollu jew jirritorna fil-fond li fuqu kellu titolu ta' inkwilinat ghax ma jkunx ghadu possibbli ghalih li jibqa' joqghod jew mal-familjari jew f'residenza ta' anzjani jew band'ohra. Gie ritenut ukoll li ma jistax jinghad li fond jitlef il-kwalita` ta' dar ta' abitazzjoni jekk l-inkwilin ma jkollux post iehor fejn jghammar u ghal xi ragunijiet specjali jkun kostrett li perjodikament u anke ghal xi zmien kontinwament huwa jmur joqghod ma' haddiehor. Din il-Qorti tikkondividi dawn il-hsibijiet u ghalhekk taghmilhom taghha.

Minn ezami tac-cirkostanzi kollha tal-kaz sotto ezami jidher li dak li esprimiet din il-Qorti fis-sentenza fuq imsemmija japplika ghal kaz. Infatti jirrizulta li l-fond kien jinsab fi stat deterjorat hafna minhabba li kien ta' kostruzzjoni antika. Tant hu hekk li saqaf minnhom waqa waqt il-mori ta' dawn il-proceduri. Jirrizulta li kien sar diskors bejn l-inkwilin, ossia ibnu Lawrence, dwar tiswijiet li kienu mehtiega u li effettivament l-istess inkwilin kien applika biex jottjeni ghajnuna finanzjarja biex jezegwixxi dawn ix-xogholijiet. Jirrizulta ukoll mhux kontestat li Lawrence Grima, il-missier, kien mar jabita ma bintu wara li saritlu operazzjoni. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qort ma tistax tifhem dak li qal il-Bord fil-parti konkluzziva tieghu u cioe' *Il-kaz kien ikun differenti <u>li kieku t-tluq mill-fond sar imhabba mard tal-missier</u> jew ghax <u>il-fond kien perikoluz.</u>*" Dan qed jinghad billi jirrizulta ampjament li dawn c-cirkostanzi kienu hemm u liema cirkostanzi kienu jiggustifikaw lill-inkwlin jallontana ruhu mill-fond lilu mikri minghajr ma jigi ritenut li l-inkwilin abbanduna l-fond lilu lokat.

Finalment ghandu jinghad li din il-Qorti tikkondividi s-sottomissjoni ta' l-intimati dwar l-assenza ta' effetti personali jew ghamara fil-fond in kwistjoni billi din il-Qorti ma tara xejn barra minn loku li, gialadarba l-fond kien jinsab fi stat perikoluz bil-possibilita` li jaqa' s-saqaf, dawn l-effetti jinhargu kollha mill-istess fond. Din ic-cirkostanza ghalhekk ma timmilitax kontra t-tezi ta' l-intimati izda pjuttost tikkorrobora d-difiza taghhom meta jinghad fir-risposta ghar-rikors promotur li "*l-esponent gie kostrett f'dawn l-ahhar xhur ma jorqodx temporanjament fil-fond residenzjali in kwistjoni peress li dan gie dikjarat …. fi stat ta' 'perikolu immineneti'.*"

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti qeghda tilqa' l-appell ta' l-intimati u konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrrenti appellati, izda billi l-Bord li Jirregola l-Kera illimita ruhu u ddecida biss dwar kawzali wahda biss mressqa fir-rikors promotur, din il-Qorti qeghdha tirrinivija l-atti tal-kawza quddiem l-istess Bord sabiex, wara li jezamina u jikkonsidra c-cirkostanzi koncernanti t-tieni kawzali mressqa fir-rikors promotur, jiddecidi dwar it-talba tar-rikorrenti skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------